**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Grech Sant *noe*

*versus*

L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia *et noe*

## Apprezzament ta' provi minn Qorti ta' Reviżjoni - *Contra sciptum non est argumentum*

*Il-Qorti ta' Reviżjoni ma għandhiex - bla raġuni gravi u impellenti - tiddisturba l-apprezament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.*

*Hu veru li* contra scriptum non est argumentum *u li d-dokument jikkostitwixxi l-prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma jiġix infiċċjat imma una volta jinstab li d-dokument ikun nieqes minn xi element essenzjali kostituttiv tiegħu, l-oneru tal-prova jiġi spustat.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* qed jappella minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li ċaħdet it-talba li għamel kontra l-Bank konvenut għar-rifużjoni ta' l-ammont li hu jsostni li hu ddepożitat fil-kont

tas-soċjetà minnu rappreżentata fil-fergħa tiegħu ta' Ħal Qorti imma *li l-istess bank qed jirrifjuta li jirrikonoxxi;*

Din hi s-sentenza li minnha sar appell:

*"Is-soċjetà attriċi għandha miftuħ favur tagħha fil-fergħa* ta' Ħal Qorti tal-Bank konvenut, kont kurrenti ddesinjat bħala kont numru 54 164 0045;

Peress li fost id-diversi drabi li l-attur *nomine* ddepożita flus u *cheques* fl-imsemmi kont, kien hemm depożitu ta' elf, mitejn u disgħin *lira Maltaija (Lm1,290) li sar fis-sebgħa (7) ta'* Ottubru, 1983 u depożitu ieħor ta' sitt mija u tlieta u tletin lira u ħamsin ċenteżmi (Lm633.55,0) li sar fis-sbatax (17) ta' Novembru, 1983 dwar liema depożiti l-Bank konvenut ħareġ lill-attur *nomine* r-relattivi *deposit slips* debitament ittimbrati u ffirmati;

*Peress illi, minn dawn iż-żewġ operazzjonijiet il-Bank* konvenut akkredita l-kont fuq imsemmi biss għall-ammont ta' mija u tlieta u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm173.50ċ0) u dan kif irriżulta lill-attur *nomine* minn *statement of account* li ntbagħat *lilu mill-bank konvenut;*

Peress li l-ammont komplessiv ta' depożiti li saru ma' l-imsemmi bank fiż-żewġ operazzjonijiet jammontaw għal elf, disa' mija u tlieta u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1,923.50) liema ammont il-bank konvenut sar responasbbli għalih fil-liġi malli aċċettah;

Peress li, għalkemm interpellati anke uffiċjalment, sabiex *jirrifondu lill-attur nomine l-bilanċ ta' elf, seba' mija u ħamsin* lira Maltija (Lm1,750), il-konvenuti *nomine* baqgħu inadempjenti;

Jgħidu l-konvenuti *nomine* għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din il-Qorti:

Tordnalhom sabiex huma jirrifondu fil-kont kurrenti numru 54 164 0045, tal-fergħa tal-Mid Med Bank ta' Ħal Qormi, attestat f'isem is-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm1,750) rappreżentanti l-bilanċ ta' żewġ depożiti magħmula fl-istess bank fis-7 ta' Ottubru, 1983, u fis-17 ta' Novembru 1983, u ammontanti globalment għal Lm1,923.50,0 li minnhom il-konvenuti *nomine* akkreditaw biss is-somma ta' Lm173.50ċ kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu, 1987 u ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Frar, 1988, oltre għall-imgħaxijiet legali u b'riserva ta' kull azzjoni għal danni talvolta spettanti lill-attur *nomine* kontra l-konvenuti *nomine* inġunti għas-subizzjoni";

Il-banka konvenuta eċċepiet illi l-fatti allegati mhumiex veri u li barra hekk, billi bint wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi kienet tgħaddi l-flus jew *cheques* lil żewġha, id-dar tagħhom, u minn dan, impjegat tal-bank, li kellu suppost imbagħad jiddepożita fil-kont tal-kumpannija dawn il-flus jew *cheques*. X'kien isir fid-dar tal-konjuġi Debono, billi l-impjegat in kwistjoni kien John Debono ma jinteressax lill-eċċipjenti;

Wara li nstemgħu l-provi preliminari ta' l-attur u ġew eżaminati d-dokumenti ppreżentati mill-bank konvenut inħasset il-ħtieġa li jiġi kjamat fil-kawża John Debono;

Dan inizjalment m'għamilx nota ta' eċċezzjonijiet però l-Qorti deherilha li r-raġunijiet għaliex dan ġara kienu tali li ħassitha sodisfatta li għalkemm ma kienx hemm ġustifikazzjoni vera u proprja għall-mankanza - billi l-kjamat in kawża kien qed

jiġi rinfaċċjat b'akkużi serji rigward approprjazzjoni indebita ta' flus lilu mogħtija - kellha tippermettilu li jippurga l-kontumaċja billi l-kjarifika tal-fatti li huwa seta' jagħmel kellha sservi ukoll a vantaġġ tas-soċjeta attriċi;

*Omissis*;

Il-Qorti kkonduċiet hija stess kontro-eżami rigoruż ta' John Debono - anke għaliex l-apparenzi kienu kollha kontra tiegħu. Però sabet finalment li għandha fuq dak li xehed takkordalu piena kredibbilità u xejn ma ġie indikat wara x-xhieda tiegħu biex tinduċi l-Qorti b'xi mod li m'għandhiex taċċetta l-versjoni minnu ġuramentata u fiċ-ċirkostanzi - speċjalment ta' żmien - ikkonfortata mill-provi tad-dokumenti esebiti;

Finalment huwa appena neċessarju jingħad li mhix ġuridikament korretta l-pretensjoni ta' l-attur *nomine* li la huwa kellu f'idejh *id-deposit slips - dokument A - allura dawn huma* xi prova inkontrovertibbli li d-depożiti li apparentement jindikaw li saru, allura, irrispettivament jekk attwalment sarux jew le l-bank għandu jirrispondi għalihom. M'hawn l-ebda dokument fid-dinja li huwa immuni mill-falsifikazzjoni jew li ġuridikament huwa akkordat bil-presunżjoni *juris et de jure* assoluta ċertezza, awtentiċità u veradiċità. Id-dokumenti li ppreżenta l-attur mhumiex lanqas kopji awtenetiċi ta' oriġinali li ħareġ jew irċieva l-bank. Mhumiex b'ebda mod "riċevuti" rilaxxjati mill-bank għaliex jonqoshom dettalji formali li jeskulduhom milli jistgħu jiġu kkunsidrat bħala riċevuti. Kien ikun mod ieħor kieku dawn id-dokumenti kienu kompiti bħala riċevuti għaliex mbagħad anke jekk il-bank ma jkunx irċieva d-depożitu - jkun irid jirrispondi għall-operat ta' l-impjegati tiegħu - fil-każijiet kongruwi stabbilit mid-dritt u l-ġurisprudenza;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tara li għandha tiċħad it-talbiet attriċi - bl-ispejjeż";

Fil-konserazzjoni ta' l-appell il-Qorti ser issegwi l-punti ta' l-aggravji kif mogħtija u l-linji ġenerali ta' l-ilment ta' l-attur *nomine*;

L-appellant ħass ruħu aggravat kemm f'dak li huwa jqis bħala apprezzament skorrett tal-fatti da parti ta' l-Ewwel Qorti kif ukoll tal-portata ġuridika tal-provi dokumentali li fuqha l-kawża ġiet intavolata. Jissottometti "li l-mod li bih l-Ewwel Qorti injorat is-saħħa provativa ta' l-irċevuti (li pproduċa) għandu jkollu effett radikali u diffuż li jista' jimmina bis-sħiħ il-fiduċja li istituzzjoni bankarja jista' u għandha tistenna li jkollha mill-klijenti tagħha dwar flus u effetti ddepożitati magħha". Issa din ir-rifelssjoni kienet tagħmel sens u kienet ċertament tkun valida f'ċirkostanzi fejn bank ikun qiegħed jiċħad jew anke jikkontesta l-validità u l-effikaċja ta' l-irċevuti jew dokument bankarji oħra li jkunu *bona fide* rrilaxxjati skond il-forma debita u f'ċirkostanzi *al di sopra di ogni sospetto*. Dan infatti s-sentenza appellata tiddikjarah bla tlaqliq: "Kien ikun mod ieħor kieku dawn id-dokumenti kienu kompiti bħala riċevuti għaliex imbagħad anke jekk il-Bank ma jkunx irċieva d-depożitu jkun irid jirrispondi għall-operat ta' l-impjegati tiegħu fil-każijiet kongruwi stabbiliti mid-dritt u l-ġurisprudenza". L-Ewwel Qorti allura mhux biss kienet konxja tar-responsabbilità kbira li għandhom istituzzjonijiet bankarji fit-tutela tal-fondi tad-depożitanti u fis-serjetà ta' kif jikkonduċu n-negozju imma ukoll enunċjat sewwa l-prinċipju illi l-bank kellu jonora u jagħti affidament lid-dokumenti bankarji validament irrilaxxjati anke kontra l-prova illi dawn ma kinux jirrappreżentaw dak li verament seħħ jew jekk ikunu ġew irrilaxxjati minħabba xi nuqqasijiet da parti ta' l-impjegati tiegħu. Prinċipju li mhux neċessarjament jestendi għall-każijiet fejn l-impjegat kien ħati ta' aġir kriminuż u *multo magis* meta tali aġir seta' jkun seħħ

b'kollużjoni mad-depożitant innifsu jew id-dipendenti tiegħu jew ikkulurit minn xi ċirkostanza li tinvolvi lill-impjegat tal-bank f'interess personali jew familjari f'dik l-operazzjoni;

*Infatti jidher li l-linja difensjonali ta' l-attur nomine kontra* l-bank konvenut u l-provi minnu prodotti kienu inizjalment diretti proprju biex jistabbilixxu illi d-depożiti reklamti minnu u li qed jallega li saru imma li ma ġewx riportati fil-kont tiegħu ma kinux ġew iddepożitati minħabba l-aġir doluż ta' l-impjegat ta' l-istess bank, John Debono li naqas li jwettaq id-depożiti ta' flus kontanti fdati f'idejh minn martu, bint wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi mpjegata magħha. Depożiti li però għalihom il-bank konvenut irrilaxxja riċevuti. *Aġir li l-attur nomine wasal* biex jattribwih għal disgwid familjari li l-istess Debono kellu ma' martu. L-attur *nomine* sa wasal ukoll biex iġib prova li dan Debono kien qed jgħix stil ta' ħajja lil hinn mill-mezzi tiegħu u allura hemm l-innuendo velat li wieħed seta' jifhem fejn spiċċaw il-flus kontanti li ma ġewx minnu ddepożitati. L-attur *nomine* kien qed jistrieħ kompletament fuq it-teżi li la l-bank jirrilaxxja riċevuti lid-depożitant u l-flus kienu ġew fdati f'idejn *impjegat tiegħu biex jiġu ddepożitati hemm l-obbligu tal-bank li* jaċċetta u javalla tali depożiti irrispettivament miċ-ċirkostanzi dubbjużi li fihom - skond il-provi attriċi - kienu ġew jew ma ġewx iddepożitati;

L-apprezzament tal-provi *mill-Ewwel Qorti kien għal* kollox differenti minn dak li ried bihom jipprova l-appellant *nomine*. Il-Qorti waslet biex takkorda "piena kredibilità" lix-xhieda ta' dan John Debono illi ta spjegazzjoni ta' kif fil-fatt ġraw l-affarijiet li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat attendibbli u dana wara li hija stess ikkonduċiet kontro-eżami rigoruż tiegħu. Fix-xhieda tiegħu hu ta spjegazzjoni dettaljata b'referenzi preċiżi ta' l-operat tiegħu li biha pprova għas-sodisfazzjoni ta' l-Ewwel Qorti *illi hu fil-fatt kien iddepożita l-flus kontanti ukoll u mhux* biss iċ-*cheques* u li dawn kienu fil-fatt jirriżultaw fl-*istatments*

tal-Bank tas-soċjetà attriċi anke jekk mhux f'entrati li jikkorrispondu mas-suppost riċevuti esebiti mid-ditta attriċi;

Dan hu proprju wieħed minn dawk il-każijiet fejn din il-Qorti ta' Reviżjoni ma għandhiex - bla raġuni gravi u impellenti - tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti. Hu ċar li kienet dik il-Qorti li kellha l-okkażjoni li tisma' xhieda delikata u determinanti *viva voce*, li kelha l-opportunità li tivvaluta l-komportament u l-bixra tax-xhud u kif dan irreaġixxa taħt il-piż tal-kontro-eżami mhux biss tal-Qorti imma ta' l-abbli difensuri. Xhieda li fil-każ ta' dan Debono ma tistax tonqos li tolqtok bil-preċiżjoni u kjarezza tagħha. Infatti l-istess appellant *nomine* fil-petizzjoni tiegħu iddeżista milli jipprova jiskredita lil dan ix-xhud kontra l-atteġġjament oriġinali tiegħu u invece ttanta jispjega dik id-deposizzjoni a vantaġġ tat-teżi tiegħu;

Jibqa' allura l-aggravju ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma tatx piż debitu lill-provi dokumentali minnu prodotti. Hu jsostni illi ma setax jaqbel ma' l-Ewwel Qorti illi l-irċevuti maħruġa lilu dwar iż-żewġ depożiti mertu tal-każ lanqas biss kienu "riċevuti" għax kien jonqoshom dettalji formali. Jinsisti li la darba ma ġiex ippruvat il-kuntrarju, dawk id-dokumenti kienu l-prova effettiva għalih ta' dak li l-Bank fil-fatt kien irċieva. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-punt indiskussjoni ma kienx jekk l-irċevuti kinux jew le "imbagħbsin" mill-attur *nomine* jew id-dipendenti tiegħu li suppost li għamel id-depożitu, imma jekk id-dokumenti setgħux jikkwalifikaw bħala riċevuti fin-nuqqas ta' elementi essenzjali għall-validità tagħhom. Hu ċar li l-irċevuta hi biss il-prova tal-pagament. Prova li bil-liġi tista' ssir mod ieħor anke fil-każ ta' depożitu bankarju. Iżda fil-każ fejn tali prova *aliunde* ma tirriżultax jew ma tirriżultax sodisfaċentement u fil-każ allura fejn min jallega li ddepożita jkun qed jistrieħ biss fuq is-saħħa ta' l-irċevuta huwa ovvju li tali rċevuta jeħtieġ li jkollha l-forza

ta' dokument validu u awtentiku li fuq kollox jista' jiġi traċċjat għall-oriġini tal-persuna li rrilaxxjatu. Persuna li mhux biss trid tkun identifikata bħala waħda fil-kariga li kienet tokkupa fil-bank, imma ukoll bħala persuna li kienet **awtorizzata** li tirċievi d-depożitu u tirrilaxxja d-debita rċevuta. Dawn ir-rekwiżiti fil-każ in eżami jirriżultaw nieqsa mill-provi ta' l-attur *nomine* appellant;

Hu veru li *contra scriptum non est argomentum* u li d-dokument jikkostitwixxi l-prova tal-kontenut tiegħu sakemm ma *jiġix infiċċjat imma una volta* jinstab li d-dokument ikun nieqes minn xi element essenzjali kostituttiv tiegħu l-oneru tal-prova jiġi spustat. Ikun allura jispetta lil min jipproduċi tali dokument li jipprova b'ċertezza li dak id-dokument monk ikun jirrispekkja l-verità tal-kontenut tiegħu. Prova li fil-każ in eżami l-appellant *nomine* ma ressaqx b'mod sodisfaċenti speċjalment wara d-deposizzjoni tal-kjamat fil-kawża Debono li - una volta aċċettata bħala kredibbli - spustat għal kollox il-fisjonomija ta' l-*iter* proċesswali u għabbiet lill-appellant *nomine* bl-oneru li jagħmel il-prova konklussiva tal-premessi tiegħu;

L-Ewwel Qorti kienet allura ġustifikata illi tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha illi l-attur *nomine* l-appellant ma rnexxilux sodisfaċentement jipprova t-talba tiegħu u din il-Qorti mhix tal-fehma li jeżistu ċirkostanzi għaliex għandha tiddeċidi mod ieħor;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. *L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a* kariku ta' l-appellant *nomine*.

---